

# Il-Gżejjer ta' Selmun u l-Istatwa ta' San Pawl

Kitba ta' Jimmy Muscat



## Il-Gżejjer ta' San Pawl

Meta wieħed jgħaddi mill-*Bypass* ta' San Pawl il-Baħar fi triqtu lejn il-Belt Valletta, fejn it-triq isserrep ħelu ħelu u tħaddan il-ġenb tal-għolja sabiħa tal-Wardija, u jkompli sejjer sa ma jaqbad il-ħotba fejn jinsab il-*belvedere* l-ġdid, wieħed jilmaħ quddiemu fetħa b'veduta li tgħaxxaq.

Il-ħarsa lejn il-Grigal għal fuq il-baħar iġġiblek il-Bajja kollha ta' San Pawl il-Baħar quddiemek, u jgħumu f'wiċċ l-ilma ma tistax ma tilmaħx żewġ gżejjer żgħar, jew aħjar waħda maqsuma b'kanal ta' ilma baxx, qrib ħafna tal-art li tibqa' tielgħa ħelu ħelu b'għelieqi taflin imtarrġa lejn Selmun. Dehra nostalġika għall-aħħar. Fuq l-ikbar minn dawn iż-żewġ gżejjer wieħed ma jistax ukoll ma jindunax bi statwa bajda u kbira tal-Appostlu Missierna San Pawl, wieqfa silwettata majestuża ma' baħar ikħal nir. Dan hu l-post li skont it-tradizzjoni laqa' lill-Appostlu Pawlu meta ġie nawfragat Malta fis-sena 60 wara Kristu u dan ukoll huwa l-post li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II żar fl-1990, waqt iż-żjara tiegħu f'Malta, kważi elfejn sena aktar tard.

Din il-gżira tissejjaħ il-Gżira ta' San Pawl minħabba dik il-ġrajja storika u kbira li seħħet meta l-Kristjaneżmu kien għadu fil-bidu tiegħu. Tissejjaħ ukoll il-Gżira ta' Barba Marku għax madwar l-1576, Marco di Maria, bdot ta' Xprunara Maltija, kien ġej lura mill-Barbarija u meta laħaq taħt Għawdex ġie fuqu bastiment tal-għadu mill-flotta ta' Biżerta u kien kważi laħqu. F'attentat perikoluż, Marco tafa' ras l-ixprunara għal ġol kanal baxx ta' bejn il-gżejjer u b'ġirja waħda ordna lill-baħrin jiġru mill-pruwa għall-poppa sa ma għola 'l quddiem tal-ixprunara u xħin ra li kien f'nofs il-kanal ordna bil-maqlub biex il-baħrin jiġru mill-poppa għall-pruwa biex jgħolli wara. Bit-Taljan din il-manuvra tissejjaħ *conigliare*, ġejja mill-kelma *coniglio* jew fenek, għax il-manuvra ta' dik l-ixprunara kienet tixbaħ ħafna l-qabża tal-fenek biex hekk ħelset milli tinkalja. Mhux hekk ġralu l-kaptan tal-bastiment ta' Biżerta, li ma kienx jaf bl-iskoll baxx, għax meta dan ipprova jgħaddi mill-istess post huwa weħel mal-blat u allura mbagħad inqabad. Bħala rigal għal din il-bravura, il-Gran Mastru La Cassiere ta din il-gżira lil



Marco u lid-dixxendenti tiegħu sa ma fl-aħħar reġgħet waqgħet taħt idejn l-Ordni.

Isem ieħor għal din il-gżira huwa l-Gżira ta' Selmun, isem li, skont l-istoriku Godfrey Wettinger, kien diġà jeżisti fiż-Żminijiet Nofsana bħala *ta' salamuni*, *ta' selmun* jew *ta' selmuni,* waqt li fl-1647 Gan Frangisk Abela jgħid li dan l-isem kien ġej mill-familja Sulajman jew Solomone, ta' oriġini Musulmana jew Lhudija.

## Il-Kuntratt tax-Xogħol fuq il-Pedestall tal-Istatwa

F'kuntratt li sar fil-21 ta' Settembru 1843 jidher li sar ftehim bejn il-Wisq Reverendu Saċerdot Don Francesco Caruana Dingli u Mastru Francesco Spiteri bil-għan li tiġi mwaqqfa, fuq pedestall għoli fuq il-Gżira ta' Selmone, statwa ta' San Pawl, ad unur tal-glorjuż Appostlu tal-Ġnus u protettur tal-Maltin.

Il-pedestall tagħha kellu jkun magħmul mill-ġebla tal-qawwi biex fuqu titpoġġa l-istatwa ta' San Pawl li kellha tkun għolja madwar tnejn u tletin xiber. Dan il-pedestall kien se jiswa 1150 skud u wara li sar il-ftehim kif kellhom jitħallsu dawn il-flus lil Mastru Francesco Spiteri, tniżżlu wkoll diversi kundizzjonijiet dwar ix-xogħol.



Il-ġebla kellha tkun mhux inqas mis-sekonda kwalità tal-ġebla travertina, jiġifieri ġebla tal-qawwi. Ix-xogħol kellu jkun ta' kwalità mill-aqwa, kif titlob l-arti, u jekk id-Deputati jew Prokuraturi ta' din il-biċċa xogħol jaraw xi difett fix-xogħol kellhom id-dritt li jordnaw li terġa' ssir skont is-sengħa bla ebda oġġezzjoni min-naħa ta' Mastru Spiteri. Sar ftehim ukoll biex kull erba' ordni ta' għoli jsiru f'sitt biċċiet kbar li jintrabtu flimkien bħal katina. Barra minn hekk fuq ġewwa ried jintuża siment tal-ġir imħallat mar-ramel waqt li dak użat fil-bini kellu jkun siment bil-pozzolana ta' kwalità prima u l-ispejjeż għal dawn kellhom jitħallsu minn Mastru Francesco nnifsu. Dan il-pedestall kellu jsir bl-iktar mod perfett, dejjem skont id-disinn.

Dwar is-somma ta' 1150 skud miftiehma, il-pagamenti li riedu jsiru lil Mastru Francesco kellhom isiru hekk: Meta Francesco kien ikun lesta l-għaxar ordni tal-pedestall skont id-disinn, kien jingħata kwart mis-somma totali, jiġifieri 287 skud u nofs u x'ħin ilesti għaxar ordni oħra kellu jingħata terz tas-somma li kien għad fadal, jiġifieri l-istess 287 skud u nofs, u meta l-pedestall kien jitlesta għalkollox kellu jieħu l-kumplament, jiġifieri 575 skud. Barra minn hekk id-Deputati u Prokuraturi ma setgħux jiġu obbligati li jħallsu xejn iktar minn dik is-somma miftiehma.

Dan il-kuntratt sar il-Belt Valletta u kien iffirmat minn Francesco Spiteri, is-Saċerdot Francesco Caruana Dingli, Salvatore Borg u Vincenzo Spiteri bħala Prokuraturi u Emmanuele Camilleri u Antonio Gatt bħala xhieda.

## Dħul u Spejjeż fuq ix-Xogħol kollu tal-Istatwa

Skont *AVVISO* li deher f'*L'Osservatore Maltese* tas-7 ta' Ottubru 1844, jidher li fil-25 ta' Settembru tal-istess sena, kien sar forma ta' ftehim bejn l-awtoritajiet ekkleżjastiċi u dawk ċivili biex tiġi mwaqqfa statwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' Selmun. Din kellha tiġi ffinanzjata mill-pubbliku u għalhekk tqabbdu nies apposta, *alberani*, biex jiġbru l-flus għal dan il-għan. Jidher li l-poplu wieġeb tajjeb għal din is-sejħa li saret, tant li x-xogħol fuq il-pedestall u l-istatwa tkompla u tlesta kollu u kulma kien fadal kien li l-istatwa tiġi meħuda u mqiegħda f'postha fuq il-pedestall, li kien diġà ġie mqiegħed fuq il-Gżira ta' Selmun. Kien jidher ukoll li l-preżenza tal-pedestall waħdu kienet diġà tat lil dak il-lok dak is-sentiment ta' nħawi u art qaddisa.

Iżda l-promoturi ta' din l-opra ħassew li kien għadu ma wasalx il-mument li jieħdu u jpoġġu l-istatwa f'postha u dan minħabba li s-sajf kien għadda u t-temp ma kienx favorevoli għal operazzjoni bħal dik u wkoll li kien għad jonqoshom aktar finanzi biex itemmu dak il-proġett. Allura ħassew li kellhom jagħtu rendikont ta' dak li kien inġabar u ntefaq sa dakinhar, għas-sodisfazzjon u għal aktar konkorrenza mill-pubbliku ħalli tinġabar is-somma li kien għad jonqos.

Kif diġà semmejna, il-pedistall waħdu sewa 1150 skud li ġew imħallsa lil Mastru Francesco Spiteri. Ġew imħallsa 333 skud, rbiegħi u 4 grani lill-iskulturi Sigismondo Dimech tal-Belt Valletta u Salvatore Dimech minn Ħal Lija u lil-lavranti tagħhom, flimkien ma' 171 skud 7 rbajja' u 12-il gran għal 5 ġebliet kbar tal-qawwi, kif ukoll 48 skud lill-mastrudaxxa li għalaq biċċa fejn kienet tinħadem u tinżamm l-istatwa. Kien hemm ħlas ieħor ta' 50 skud lin-Nutar Paolo Formosa konnessi mal-ġbir tal-flus u wkoll 20 skud ieħor imħallsa lil Vincenzo Micallef bħala kumpens tad-danni li sofra fl-għeluq tal-isqaq fejn kienet qed tinħadem l-istatwa. Dan kollu tela' għas-somma ta' 1772 skud 8 rbajja' u 16-il gran.

Meta mbagħad inħarsu lejn il-flus li kienu nġabru sa dakinhar, naraw li mill-Kapijiet, Dinjitarji, Ekkleżjastiċi, Nobbli, Kavallieri, Ġjudiċi u persuni oħra rispettabbli nġabret is-somma ta' 776 skud 2 rbajja' u gran waqt li mis-Soċji tal-Casino San Giorgio nġabru 115 skud 4 rbajja' u 16-il gran. Is-Sur Giuseppe Caruana u l-*alberani* miegħu ġabru 28 skud u 3 rbajja', is-Sur G. Felice Muscat u sħabu *alberani* ġabru 5 skudi 7 rbajja' u 4 grani waqt li l-*alberano* tat-tlett Ibliet ġabar 32 skud u 9 rbajja', u allura somma totali ta' 958 skud 2 rbajja' u gran. Jekk imbagħad wieħed inaqqas din is-somma minn dik li nġabret, isib li kien għad fadal żbilanċ ta' 814-il skud 6 rbajja' u 15-il gran li riedu jinġabru, raġuni valida ħafna għaliex il-promoturi ma xtaqux li jwaqqfu l-istatwa f'postha fuq il-Għejjer.

Fl-aħħar ta' dan l-istess *AVVISO*, *L'Osservatore Maltese* jagħmel appell jew stedina biex, b'fiduċja sħiħa fil-poplu Malti, jinkoraġġih ħalli jikkonkorri biex jinġabar il-bilanċ meħtieġ ħalli hekk tiġi kompluta dik l-opra sabiħa u hekk l-istatwa ta' San Pawl tiġi mqiegħda fil-post li jixirqilha fuq il-Gżira ta' Selmun fejn għadha sal-lum għall-qima ta' kull min jaraha.

Festa kbira ta' kull sena lil San Pawl niċċelebraw;
Nimxu dejjem fuq li għallem biex il-Fidi nissudaw.


**Brian Green**

***Funeral Undertaker***

**Day & Night Service**

*Office:* 167, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738

*Res:* "Rustica", Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508
"Green", St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791

Mobile: 9949 7959, 9949 4880